

Brussell, 29 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15269/22

SOC 652

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Ir-rwol tal-politika tal-familja fil-kuntest tal-iżviluppi demografiċi fl-UE - Nota ta' gwida mill-Presidenza

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża n-nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tad-dibattitu fl-ikla ta' nofsinhar fil-Kunsill EPSCO fit-8 ta' Diċembru 2022.

Kunsill EPSCO (Impjiegi u Affarijiet Soċjali)

Ikla ta' nofsinhar – Ir-rwol tal-politika tal-familja fil-kuntest tal-iżviluppi demografiċi fl-UE

Il-familji huma proprju s-sisien bażiċi tas-soċjetà, u l-ġid tagħhom jiddetermina l-klima soċjali ġenerali. Għaldaqstant, l-appoġġ għall-familji huwa essenzjali għall-iżvilupp tas-soċjetà. Il-bidliet fis-soċjetà qed isaħħu d-diversità tal-ħajja tal-familja. Fost l-aktar bidliet sinifikanti nsibu ż-żieda fir-rata tad-divorzju, fl-għadd ta' tfal li jitwiellu barra ż-żwieġ u f'unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed. Id-diviżjoni u l-qsim tar-responsabbiltajiet bejn il-ġenituri qed jinbidlu wkoll. Dan kollu jpoġġi domandi kbar fuq il-politiki inklużivi tal-familja min-naħa tal-istat.

Għalkemm il-politika tal-familja mhijiex kompetenza tal-UE, l-UE tinfluwenza b'mod pożittiv lill-familji permezz ta' firxa ta' miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi. Dawn jinkludu, pereżempju, l-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal. L-Istrateġija Ewropea dwar il-Kura li ġiet ippubblikata reċentement tenfasizza l-importanza ta' servizzi ta' kura ta' kwalità għolja, affordabbli u aċċessibbli u l-appoġġ ta' persuni li jindukraw b'mod formali u informali. Id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata u d-Direttiva dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli għandhom l-għan li jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tal-familja u tax-xogħol billi x-xogħol isir aktar prevedibbli, jippromwovu arranġamenti tax-xogħol aktar flessibbli u jsaħħu l-inċentivi għall-missirijiet biex jipparteċipaw fil-kura. Il-Fondi ta' Politika ta' Koeżjoni u l-Pjanijiet Nazżjonali ta' Rkupru taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandhom rwol importanti, eż. għall-istabbiliment ta' faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal jew l-għoti ta' appoġġ għas-servizzi soċjali u l-kura.

Ħafna Stati Membri qed jesperjenzaw tnaqqis dejjiemi fil-fertilità u żieda fl-istennija tal-għomor, li jirriżultaw fit-tixjiħ tal-popolazzjoni u fit-tibdil tal-istrutturi tal-età tal-popolazzjoni. Fl-2018, l-istennija tal-għomor fit-twelid laħqet it-78.2 sena għall-irġiel u t-83.7 sena għan-nisa. Ix-xejra hija mbassra li tkompli, bl-irġiel li twieldu fl-2070 jgħixu sa età medja ta' 86 sena u n-nisa li jkunu twieldu fl-istess sena sa 90 sena. Sal-2070, il-proporzjon tal-persuni li jkollhom aktar minn 65 sena ser ikun 30.3 % tal-popolazzjoni (20.3 % fl-2019) u l-persuni li jkollhom aktar minn 80 sena ser jirrappreżentaw 13.2 % tal-popolazzjoni (5.8 % fl-2019). Dan ser ipoġġi piż akbar fuq is-sistemi tal-protezzjoni soċjali, inkluż il-pensjonijiet, is-saħħa u l-kura fit-tul, b'impatt fuq il-finanzjament u l-adeqwatezza tal-benefiċċji kif ukoll fuq id-domanda għall-forza tax-xogħol tal-kura. It-tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol jagħmilha kruċjali li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-ġenerazzjonijiet kollha u li tiġi promossa l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà.

F'dan il-kuntest, il-miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u l-appoġġ għas-servizzi tal-indukrar tat-tfal, kif ukoll diversi forom ta' appoġġ finanzjarju u sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji li ma jiġġenerawx diżinċentivi għax-xogħol għall-ħaddiem li hu t-tieni sors ta' dħul f'unità domestika, jista' jkollhom impatt pożittiv fuq id-deċiżjoni li jibdew familja u dwar l-għadd ta' tfal ippjanati. Diversi miżuri biex jiġi rikonoxxut il-valur tat-trobbija u l-kura tat-tfal, pereżempju fil-forma ta' krediti tal-pensjoni jew bonus għat-tfal imrobbija, huma fis-seħħ fl-Istati Membri kollha, filwaqt li qed jiġi diskuss ukoll ir-rikonoxximent ta' diversi forom ta' sħubija u solidarjetà interġenerazzjonali fis-sistemi tal-pensjonijiet.

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jindirizzaw il-mistoqsijiet li ġejjin:

Liema miżuri speċifiċi tqisu bħala kruċjali fir-rigward tad-deċiżjoni tal-familji li jkollhom tifel jew tifla wieħed u fl-ippjanar tal-familja, jew li jkollhom żewġ itfal jew aktar? Tiffokaw fuq il-familji b'mod ġenerali jew għandkom miżuri mmirati għall-familji żgħażagħ, familji bi tlett itfal jew aktar, eċċ ?)